**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU DISGĦA**

**5 TA' FRAR, 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut u is-Sur Jeremy Coleiro.

**SKUŻAT**

Il-Kunsilliera Kyle Mifsud u Daniel Muscat.

**ASSENTI**

-

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **9.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 9.1.1 | | Ittri ta' apoloġija – Il-Kunsillier Kyle Mikfsud informa li ma setgħax jattendi minħabba li jinsab marid u l-Kunsillier Daniel Muscat informa li jinsab b'luttu. **Dok 1 mehmuz.** |
| | | |
| **9.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 9.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tat-tmien seduta. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***9.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 9.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• Tagħti l-kondoljanzi lill-familja tal-Kunsillier Daniel Muscat.<br>• Kondoljanzi ukoll lill-familja ta' Dun Victor Grech – kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat l-kondoljanzi liż-żewġ familji. |
| | | |
| 9.3.2 | | Is-Sindku qalet li:<br>• ser isir il-Karnival fiż-Żurrieq. Il-Kunsill ħa fondi ta' 5 t'elef euro. Ser jieħdu sehem iż-żewġ soċjetajiet u l-banda taż-Żejtun. Ser ikun hawn banda magħmula minn bandisti miż-żewġ soċjetajiet taż-Żurrieq.<br>• Saret laqgħa maż-żewġ soċjetajiet fuq it-tiżjin tal-Milied. Dawn ser ikollhom laqgħa bejniethom u wara l-laqgħa ser jitkellmu mal-Kunsill fuq stimi u affarijiet oħra. Kien hemm qbil li l-armar kollu jibqa propjeta tal-Kunsill u l-armar jiżdied biss b'approvazzjoni tal-Kunsill.<br>• Wasal iż-żmien biex nagħmlu attivita oħra f'Jum iż-Żurrieq, minflok festa ħut. Is-Sindku ssuġġeriet titlu ieħor 'Żurrieq Fest – Żurrieq mill-baħar u mil-art'. Ser jiġu nvoluti s-soċjetajiet f'din il-festa. Id-dati jkunu 7 u 8 Ġunju. Hemm bżonn li jinħareġ poster minn din il-ġimgħa. |
| 9.3.3 | | Is-Sindku qalet li s-sidien tal-Barumbara ta' Triq il-Bronja, reġgħu avviċinaw lis-Sindku. Is-Sindku tkellmet mal-ministeru ikkonċernat u dan ser jiddiskuti s-sit mas-sidien. |
| | | |
| 9.3.4 | | Is-Sindku ssuġġeriet biex Triq Filippu Farrugia ssir one way minħabba l-periklu li fiha u minħabba l-binja ġdida li tiela. Kien hemm qbil li jiġu kkonsultati r-residenti u wara tintalab talba lill-TM. |
| | | |
| ***9.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 9.4.1 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li x-xogħol fil-cat cafe miexi tajjeb u wasal biex jinfetaħ. |
| | | |
| 9.4.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal –<br>• Bozza maqtugħa fi Sqaq Osswarju, u oħra fi Triq 23 ta' Lulju<br>• Triq Salvu Saliba – hemm drenaġġ ħiereġ fid-djar tar-residenti. Kien hemm qbil li jsir rapport mill-Kunsill.<br>• Refresh ta' żebgħa fi Triq Wied Babu<br>• Issuġġerixxa li jiġu ċċekjati l-arbli tad-dawl ta' Triq Dun Gużepp Zammit<br>• Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa – għandu bżonn manutenzjoni |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Staqsa fuq id-double yellow lines li saru fi Triq Sant Agatha. – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tali linji saru, wara li daħlu ilmenti minn sidien ta' garaxxijet li hemm faċċata, li kienu qed isibuha diffiċli biex joħorġu mill-garaxxijet jekk ikun hemm vetturi ipparkjati. Hi żieded tgħid li minħabba id-double yellow lines intilfu 3 parkeġġi, imma fl-istess akwata il-Kunsill żied aktar minn 20 parkeġġ. |
| | | |
| 9.4.3 | | Il-Kunsillier Marylyn Sammut qalet –<br>• Misraħ Repubblika hemm il-bankina maqsuma<br>• Misraħ Santa Marija hemm bżonn li tiġi rranġata tappiera<br>• Meta kellna laqgħa mal-Ministru Zrinzo Azzopardi qal li fiż-Żurrieq hemm artijiet pubbliċi li jistgħu jintalbu għall-Kunsill. Hi ssuġġeriet li tinkiteb email lill-Ministru/dipartiment tal-artijiet biex jindika tali artijiet.<br>• Jiżdied parkeġġ ta' mutur fi Vjal l-Indipendenza.<br><br>F'dan il-ħin daħal il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia (18:45) |
| | | |
| 9.4.5 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li hemm bżonn sleeping policeman fi Triq il-Ħaddiema. Kien hemm qbil li hemm bżonn tal-firem tan-nies li jaqblu li jaċċettaw is-sleeping policeman. |
| | | |
| ***9.5*** | | ***PC00068/22 – Art fi Triq Tal-Bebbux*** |
| | | |
| 9.5.1 | | Is-Sur Robert Bondin Carter kien preżenti biex jitkellem fuq din is-sit.<br>Hu qal li din ser tibqa fiż-żona tal-iżvilupp u l-iżviluppatur xorta reġgħa fetaħ Representation oħra mal-PA. Il-PC application hi li tirregola kemm ġej għoli il-bini. Il-Lands Department meta jfetlilha tibgħat ittra lill-bidwi biex jitneħħa mill-art fl-immedjat. L-applikant biddel in-natura li fiha applika l-PC.<br>L-art li qed jaħdem is-Sur Bondin Carter tmur lura 4 ġenerazzjonijiet. Hu qal li hu full time farmer. Hu jrid li l-art agrikola tibqa agrikolu u tibqa tinħadem.<br><br>L-oġġezzjoni mill-kunsill lokali saret fuq dan is-sit fir-rigward tal-PC application. Ir-rappreżentazzjonijiet reġgħu infetħu. Kien hemm qbil fil-Kunsill li jitkellem mal-Konsulent u jekk hemm bżonn jerġgħu jsiru l-oġġezzjonijiet.<br><br>F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa li saret bejn il-Kunsilliera u l-Onor Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi, tal-24 ta' Jannar. F'din il-laqgħa ġiet diskussa din il-PC00068/22. Fejn fost l-oħrajn intqal –<br>***' L-Onor. Ministru Zrinzo Azzopardi qal li fuq l-art imsemmija l-gvern ħareġ stqarrija li l-art li għandu l-gvern fil-parti ta' PC00068/22 ser tinżamm għal skop komunitarju.*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | ***Hu qal li l-PC application twaqqfet milli tkun żviluppata u issa l-pużizzjoni tal-art li hipropjeta tal-Gvern, hi kif ġej :*** <br><br> • ***Il-parti li fiha madwar 750metru kwadru ser titħalla bħala open space*** <br> • ***U it-tieni parti ser tkun riservata għal skop komunitarju*** <br> ***"Skop komunitarju" tfisser li l-parti tal-art li għandu l-Gvern, tiġi żviluppata biss f'każ li fil-futur, bi qbil mal-Kunsill Lokali, jinħass bżonn li jsir proġett li jkun ta' benefiċċju għall-komunità. Dan ifisser li l-użu qed ikun limitat għal dan l-iskop biss. '*** <br><br> Minuti **mehmuża doc**. **2** |
| | | |
| ***9.6*** | | ***SKEMA GĦAL ATTIVITJJIET KULTURALI ANNWALI U NATALIZJI 2024/25 -*** **SPI/SCI/05/2024** |
| | | |
| 9.6.1 | | Għal din l-iskema SPI/SCI/05/2024, il-Kunsill kien applika biex jieħu fondi għall-attivita' tal-Milied 2024 u tal-Karnival 2025. Minħabba li wara kienet ħarġet skema oħra fejn il-Kunsill Lokali setgħa japplika għall-karnival biss, permess ta' skema SPI/SCI/08/2024, il-Kunsill reġa applika u ħa 5k f'fondi ta' għajnuna għall-karnival. <br> Għalhekk il-Kunsill Lokali waqqa t-talba tal-għajnuna għall-Karnival, minn skema SPI/SCI/05/2024 u minflok talab għajnuna għall-attivita tad-delgazzjoni tal-għaqda tal-paċi li ġejja Malta f'Mejju. Kien hemm qbil fuq dan. Il-laqgħa tal-Bord Eżekuttiv ta' IAPMC ser issir bejn it-8 u l-11 ta' Mejju. Wara li inġiebu l-istimi tal-lukandi u conference room, kienet il-Hotel San Antonio ta' Bugibba l-aktavijabbli. |
| | | |
| 9.6.2 | | **SKEMA GĦAL ATTIVITAJIET KULTURALI ANNWALI 2025/26** <br><br> Kien hemm qbil għal din l-iskema l-Kunsill japplika għall-attivita tas 7 u 8 ta' Ġunju – Iż-Żurrieq mill-Baħar u mill-art, fejn ser ikun hemm kunċert, u attivita li tippromovi il-kultura b'mużika, għana u ikel malti, wirja ta' kif issir il-liedna tal-festa etc. |
| | | |
| | | |
| | | |
| ***9.7*** | | ***Il-Karnival fiż-Żurrieq*** |
| | | |
| 9.7.1 | | Dan il-punt ġie mitkellem f'item qabel. |
| | | |
| ***9.8*** | | ***Skema European Cooperation Projects*** |
| | | |
| 9.8.1 | | Il-Kunsillier Marylyn Sammut qalet li ser tieħu ħsieb li titkellem mal-impjegat tar-Reġjun li jieħu ħsieb dan il-qasam, biex il-Kunsill ikun jista japplika għal din l-iskema. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***9.9*** | | ***Devoluzzjoni LC1/2004/0093 ta' plot fi Triq Gervase Mattew*** |
| | | |
| 9.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li issa wasal iż-żmien biex jerġa jiġi avviċinat il-perit li kien daħħal l-applikazzjoni tal-permess biex isiru xi emendi li huma vijabbli għal dawn iż-żminijiet. Kien hemm qbil li barra garage kbir, parkeġġ u sala tal-komunita, jsiru ukoll l-uffiċċini tal-Kunsill Lokali.<br>Minħabba li l-pjanti preċedenti kien ħadem fuqhom il-Perit Toni Bezzina, s-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser terġa tikkuntatja lilu biex isiru l-emendi li ser ikunu diskussa fis-seduta tal-lum. Kien hemm qbil li fl-art -<br>• Li jsiru garaxxijiet separati taħt il-livell tat-triq – wieħed għall-armar tal-Milied, ieħor għal vetturi tal-Clean Malta, wieħed għal store tal-Kunsill u ieħor għal xi vetturi oħra jew affarijiet oħra, sular ieħor isir parkeġġ ieħor<br>• Li issir is-sala li kienet fil-pjanti preċedenti<br>• Li jsir sular għall-uffiċċini tal-Kunsill<br>• Roof garden li jkun miftuħ għall-pubbliku<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li parkeġġ ta' sular minnhom jkun għall-pubbliku bla ħlas. F'dan il-punt tqajmet diskussjoni. |
| | | |
| ***9.10*** | | ***Collective agreement tal-Impjegati tal-Kunsill*** |
| | | |
| | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħareġ collective agreement ġdid għall-impjegati tal-Kunsill. Li inbidel fih huma l-iskali. Is-Segretarju Eżekuttiv qed titlob li l-Impjegata li bħalissa tinsab fi skala 10 u li ilha f'din l-iskala għaxar snin, issa tista titla fi skala 9. Kien hemm qbil li hekk kif il-Kunsill jirċievi l-agreement uffiċċjalment isir dak maqbul. |
| | | |
| ***9.11*** | | ***Financial Statements 2024 u quarterly financial report tal-aħħar kwart tas-sena*** |
| | | |
| 9.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-financial statments 2024, u l-financial quarterly report tal-aħħar kwar tas sena 2024, li tħejjew mill-accountant tal-Kunsill għall-approvazzjoni Dawn ġew approvati. Inbeda l-proċess biex fil-bidu ta' Marzu, jinbeda l-awditjar tal-Kunsill. **Dok 3 mehmuża** |
| | | |
| ***9.12*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***9.13*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 9.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• Il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika għall-premju ta' fondi 'New European Bauhaus - Funding opportunities for small municipalities'. Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika għall-proġett ta' Misraħ Santa Marija. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-Kunsill ġie infurmat permess ta' email li wieħed mill-konsulenti fuq applikazzjonijiet tal-PA irriżenja mill-kariga. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibqa b'konsulent wieħed.<br>• l-Għaqda residenti żrieraq talbet laqgħa oħra mal-Kunsill fuq PC/0049/19.(Nigret) Kien hemm qbil li jiġu mistiedna għas-seduta li jmiss u li jkun mistieden ukoll il-konsulent tal-Kunsill.<br>• Ressqet pjanti ġodda ta' Vjal il-Kulħadd re – Misraħ Santa Marija, permess ta' email. Din l-applikazzjoni tressqet għall-approvazzjoni tal-permess u għall-fondi li kienu jgħalqu fl-aħħar ta' Jannar. Il-Kunsill ġie approvat biex jieħu tali fondi.<br>• Residenti minn Triq il-Barrieri għamlu petizzjoni sabiex Triq il-Barrieri issir one way traffic u ma jgħaddu xejn bejn it-8:00am u 14:00. Talbu ukoll biex isir infurzar ta' sewqan eċċessiv u li ssir crossing fil-bidu tat-triq. Din il-petizzjoni ġiet iffirmata minn residenti li ma joqgħodux fi Triq il-Barrieri biss. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lill-uffiċċjali tal-infurzar biex iżidu l-preżenza fi Triq il-Barrieri. U l-Kunsill jinforma lit-TM biex jagħtu soluzzjoni**. Dok 4 mehmuż**<br>• Fir-rigward tal-proġett li ser isir fi Triq il-Passju l-Kunsill ġie infurmat li biex fis-sit li ser tingħata lill-Kunsill ikun hemm garaxx kbir, ma nistgħux nieħdu l-plot li kien indikalna, imma irridu nieħdu plot oħra fl-istess akwata.(dan kollu minħabba l-permessi). La darba il-Kunsill iddeċieda li jċaqlaq l-uffiċċini tiegħu f'tal bebbux, il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li tibqa plot vojta biex titgawda mir-residenti tal-akwata.<br>• Bdiewa qed jitolbu li titnaddaf art fi Triq l-Iskulturi Fabri qabel taqbad it-triq ta' Wied Fulija u f'din l-art jitpoġġew xi bankijiet. Kien hemm qbil li jinbeda l-proċess biex ix-xogħol isir mil-PW.<br>• Wirja ta' vari u oġġetti oħra relatati mal-Ġimgħa imqaddsa mit- 12 sat-18 ta' April, fil-Mitħna tax-Xarolla<br><br>• Id-Dramm tal-Ġimgħa l-kbira li kien ser isir mill-Kunsill, tħassar, minħabba li ma kienx hemm fejn jiġi pprattikat dan id-dramm. |
| **9.13. 2** | | **Fondi mir-Reġjun Punent** |
| | | |
| 9.13. 2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li r-Reġjun Punent irid lista ta' attivitajiet li l-Kunsill Lokali lest li jitlob l-għajnuna għalihom. Tali lista iridha fil-bidu tas-sena u mhux ftit qabel ma issir l-attivita. Kull attivita li ser tintalab l-għajnuna għaliha, irid ikun hemm promozzjoni tar-Reġjun Punent.<br>Il-lista li s'issa għandu l-kunsill hi din:<br>• 27ta' Frar – Karnival fiż-Żurrieq<br>• 1 ta' Ġunju – tellieqa 5k |

| | | |
|---|---|---|
| | | • 7 u 8 ta' Ġunju attivita 'Iż-Żurrieq mill-baħar u mill-art'<br>• 16 ta' Novembru – Iż-Żurrieq half marathon<br>• Milied fiż-Żurrieq u f'Bubaqra – dati jitħabbru aktar tard<br>• Kunċert mill-Orkestra fis-Sajf – aktar dettalji ser jingħataw mill-Kunsillier Marisa D'Amato. |
| | | |
| ***9.14*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-***<br>***ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 9.14.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 44. |
| | | |
| ***9.15*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 9.15.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' €215,079.65.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Dino Bonnici u Marylyn Sammut. |
| | | |
| ***9.16*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 9.16.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:10. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 5 ta' Marzu, 2025, fil-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' MARZU 2025

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**